MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1908/2004

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**Rueben Camilleri ezercenti l-kummerc ghan-nom ta' Old Anchor Pizzeria**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' ottubru, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u erbgha u sebghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm174.10) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta attrici lill-konvenut u fuq struzzjonijiet tieghu stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali datata 3 ta' Settembru 2004 u bl-imghaxijiet dekoribbli mid-data tal-fattura relattiva kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u erbgha u sebghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm174.10), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------